**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Sebastian Ireneusz Koziol**

**Illum 4 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' **Sebastian Ireneusz Koziol**, ta' tlieta u tletin (33) sena, iben Ireneusz Koziol u Renata neè Kwiecinska, imwieled Warsaw, il-Polonja fis-7 ta' Novembru 1990, residenti Pirenejska 12/44 01 493, Warsaw, il-Polonja, u detentur tal-Passaport Pollakk numru FD9381780 (90110713833), talli nhar it-3 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta ta' bejn id-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs) u l-ħdax ta' filgħaxija (23:00hrs) ġewwa Hugos Hotel, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Weronika Zabczyk f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Weronika Zabczyk, cioè ferita ta' natura gravi, liema offiża saret fuq persuna msemmija fl-Artikolu 202(h) *ossia* l-imsemmija persuna li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le, kif iċċertifikat minn Dr. Rebecca Zammit, Med. Reg. Nru. 4464;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tipprovdi għas-sigurtà ta' Weronika Zabczyk billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa w opportuni, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża u l-familja tagħha ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) jekk jidhrilha xieraq toħroġ Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-Liġi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 532A, 532B u/ew ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża, minn liema rriżulta li għall-finijiet ta' feriti gravi fuq il-vittma l-Prosekuzzjoni tistrih fuq l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-3 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta ta' bejn 21:00hrs u 23:00hrs, ġewwa Hugos Hotel, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Weronika Zabczyk f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Weronika Zabczyk, cioè ferita ta' natura gravi, liema offiża saret fuq persuna msemmija fl-Artikolu 202(h) *ossia* l-imsemmija persuna li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le, kif iċċertifikat minn Dr. Rebecca Zammit, Med. Reg. Nru. 4464.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 202(h), 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat ammetta għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu fi stadju bikri tal-proċeduri u li huwa għandu fedina penali netta, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Peress illi l-imputat u l-vittma għadhom qed jirrisjedu fl-istess lukanda fejn jinsabu alloġġjati u sejrin lura pajjiżhom flimkien, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni

tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**